MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2011

Rikors Numru. 267/2011

**A B**

vs

**B C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu r-rikorrenti ippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fil-hdax (11) ta' Mejju tas-sena elf disa mija u sebgha u disghin (1997) (Ara c-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok A) u minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Margaret Heywood sa mill-hamsa (5) ta' Frar tas-sena elfejn u tnejn (2002) (ara l-kuntratt ta' separazzjoni anness u mmarkat bhala 'Dok. B');

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikoncilazzjoni bejn il-partijiet, stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohrajn;

Illi l-partijiet iddekadew mill-obbligu tal-manteniment reciproku skond l-istess kuntratt tas-separazzjoni personali ai termini tal-Artikolu numru tnejn (2) tal-imsemmi att ta' separazzjoni u ghalhekk l-ebda manteniment m'hu dovut;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lid-Direttur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju bejn il-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Ottubru, 2011;

Rat id-dokumenti li gew esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikoli 66 A, 66 B, 66 c u 66 D tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-kundizzjonijiet mehtiega ghad-divorzju gew sodisfatti; peress illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Margaret Heywood fis-17 ta' Frar 2002;

Illi l-Qorti rat illi ma twieldux tfal minn dan iz-zwieg u illi l-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt illi jircevu

manteniment fil-minghand xulxin fil-kuntratt tas-separazzjoni u ghalhekk l-ebda manteniment mhu dovut;

Rat ukoll illi ma jezisti l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet skond kif xehdu l-istess partijiet bil-gurament taghhom;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talba, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------